MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 48/2007

**Talba Nru: 48/07PBC**

**Saviour Magro Company Limited (C 19452)**

**Vs**

**A.C. Cars Manufacturing Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm954.29c)

rapprezentanti prezz ta’ ghodda u diversi merci ohra ta’ *ironmongery* mibjugha mis-socjeta’ attrici w accettati mis-socjeta’ konvenuta.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ disa’ mija w erbgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm954.29c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------